MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Numru. 990/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs**

**James Zammit**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat James Zammit ta’ 27 sena, bin Moses u Maria Carmela nee’ Camilleri, mwieled l-Pieta’ nhar is-6 t’April 1984 u residenti Victoria Flats, No. 1, Triq Luqa Briffa, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 197584(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar is-16 t’Awwissu 2010, ghall-habta ta’ nofs il-lejl u ghaxra (00 :10am), f’tas-Sliema, waqt li kien qieghed isuq

vettura numru DQZ 359 ta’ l-ghamla Kia, fi Triq it-Torri, Sliema,

1. B’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti involontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Margaret Anne Dunn persuna ta’ 61 sena, hekk kif iccertifikat Dr. Krystle Theuma M.D. (Reg no. 5201) ta’ l-Isptar Mater Dei ;

2. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta t-triq kienet immarkata b’linji bojod paralleli jew bi’ studs matul il-wisa taghha jew b’sinjali ohra biex juru spazju ghall-passagg ghall-uzu ta’ nies bil-pass, waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DQZ 359 waqt li kien riesaq lejn passagg naqas li timxi bil-mod u jekk kien hemm bzonn tieqaf ;

3. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi saq motor-car jew vettura u cioe bin-numru tar-registrazzjoni DQZ 359 b’nuqqas ta’ kont, bla hsieb, bi traskuragni jew b’mod perikoluz ;

4. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DQZ 359 saq b’velocita li eccediet il-limiti tal-velocita’ fl-ibliet u l-irhula ;

Il-Prosekuzzjoni qieghda gentilment titlob sabiex f’kaz ta’ htija, minbarra l-piena stabbilita, tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tad-29 ta’ Novembru 2012 (inserita a fol. 218 tal-atti processwali) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-Ligi :-

a. fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. fl-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-regolamenti 89 u 127 tal-Legislazzjoni

Sussidjarja (65.11) tal-Ligijiet ta' Malta intitolat Vetturi bil-mutur ;
c. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tal-14 ta' Dicembru 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-23 ta' Jannar 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza rigward il-piena;

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li l-parti leza thallset ghad-dannum emergens u lucrum cessans lilha kagunati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tad-29 ta' Novembru 2012 u senjatament l-Artikoli 226(1)(a), 17, 23 u 31 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-Regolamenti 69 u 127 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-

konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt(6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sena(1) millum u tiskwalifikah milli jzomm u jotjeni licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' xahar(1) millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' disa' mija u wiehed u ghoxrin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€921.25) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------